



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

14.2.2011

B7-0131/2011

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsijiet għal tweġiba orali B7-0011/2011 u B7-0013/2011

skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju

Lambert van Nistelrooij, Tamás Deutsch, Jan Olbrycht, Marian-Jean Marinescu, András Gyürk, Andrey Kovatchev, László Tőkés, Kinga Gál, Béla Glattfelder, Iosif Matula, Alajos Mészáros, Csaba Sógor, Petru Constantin Luhan, Edit Bauer, Lívia Járóka, Ildikó Gáll-Pelcz, László Surján, József Szájer, Iuliu Winkler, Elisabeth Jeggle, György Schöpflin, Csaba Óry, Sabine Verheyen, Manfred Weber, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Anna Záborská
f'isem il-Grupp PPE

RE\857432MT.doc

PE459.663v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

B7-0131/2011

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 192 u l-Artikolu 265(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-mistoqsija orali dwar Strateġija Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju (O 0150/2009 – B7-0240/2009),
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2010 dwar Strateġija Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju (P7-TA (2010)0008),
 - wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku,
 - wara li kkunsidra l-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2009, li stieden lill-Kummissjoni biex, sal-2010, tfassal Strateġija Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2009 dwar il-Green Paper dwar il-Koeżjoni Territorjali u l-istat tad-dibattitu dwar ir-riforma ġejjiena tal-Politika ta' Koeżjoni,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni ta' Ottubru 2009 tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar 'Strateġija tal-UE għaż-Żona tad-Danubju',
 - wara li kkunsidra l-programm ta' ħidma tal-Kunsill għat-18-il xahar li ġejjin imfassal mill-presidenzi ta' Spanja, il-Belġju u l-Ungerija,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Strateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu, adottata fit-8 ta' Diċembru 2010,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-Trattat ta' Lisbona jirrikonoxxi l-koeżjoni territorjali bħala objettiv tal-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 3 tat-Trattat UE),
- B. billi l-istrateġiji makroreġjonali huma mmirati biex isir użu aħjar mir-riżorsi eżistenti biex jiġu ttrattati kwistjonijiet ta' żvilupp territorjali u jiġu identifikati risponsi konġunti għal sfidi komuni,
- C. billi l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku diġà ttiprovdi mudell għall-koordinazzjoni tal-politiki u l-finanzjament tal-UE f'unitajiet territorjali ġeopolitiċi – makroreġjuni – iddefiniti fuq il-bażi ta' kriterji speċifiċi,
- D. billi r-reġjun tad-Danubju, li jiġbor fih 14-il pajjiż Ewropew u 115-il miljun ruħ kemm fl-

UE kif ukoll barra minnha – il-Ġermanja, l-Awstrija, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, l-Ungerija, ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Kroazja, is-Serbja, il-Bosnja-Herzegovina, il-Montenegro, il-Moldova u l-Ukraina – hu żona fejn is-sinerġiji mtejba bejn id-diversi politiki tal-UE – il-politika tal-koeżjoni, tat-trasport, tal-ekonomija, tal-enerġija, tal-ambjent, tat-tkabbir u tal-viċinat – jistgħu jiġu żviluppati,

- E. billi l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju għandha għaldaqstant tgħaqqad flimkien l-elementi ekonomiċi, ambjentali, soċjali u kulturali,
 - F. billi d-Danubju hi meqjusa li tipprovdi mezz ta' estensjoni tal-Unjoni Ewropea;
 - G. billi r-reġjun tad-Danubju jikkostitwixxi makroreġjun interkonness b'kapaċitajiet ekonomiċi eteroġeni,
 - H. billi l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun tad-Danubju se jżid b'mod sinifikanti l-ġid ekonomiku ta' dan il-makroreġjun u se jstimula l-impjiegi;
 - I. billi l-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2009 talab lill-Kummissjoni tfassal Strateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju sal-aħħar tal-2010;
1. Iqis li t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-isfidi transnazzjonali maġġuri bħalma huma l-kriżi ekonomika, it-theddid ambjentali, it-trasport sostenibbli, il-konnettività tal-enerġija, is-sostenibilità tar-riżorsi, l-użu ekoloġiku tar-riżorsi tal-ilma, juru li l-interdipendenza ta' stati individwali qiegħda tikber, il-mod ta' ħsieb settorjali m'għadux xieraq u f'dan il-kuntest l-istabbiliment ta' makroreġjuni jiftaħ perspettivi ġodda u aktar effiċjenti għall-kooperazzjoni billi jittieħed approċċ ikkoordinat għall-iżvilupp sostenibbli fuq livell territorjali reġjonali aktar wiesa' u billi jintwera użu aktar effiċjenti tal-potenzjali immens li għandu r-Reġjun tad-Danubju għall-iżvilupp;
 2. Jenfasizza għalhekk li din l-istrateġija għandha tkun stabbilita fi ħdan l-oġettiv tal-politika ta' koeżjoni tal-kooperazzjoni territorjali (oġettiv 3), u tkun ibbażata fuq approċċ territorjali integrat u mifruq fuq diversi oqsma, immirata biex tikkoordina aħjar il-politiki bejn id-diversi livelli tal-governanza fuq territorju partikolari, b'attenzjoni kkonċentrata fuq kwistjonijiet rilevanti;
 3. Jenfasizza li l-konformità tagħha mal-oġettivi tal-UE 2020 tiżgura li l-Istrateġija hija skont it-tendenzi Ewropej ta' żvilupp u skont l-impenn tal-UE għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, u se tgħin biex jiżiedu l-prosperità, is-sigurtà u l-paċi billi tipprovdi vantaġġi addizzjonali ġodda fl-oqsma tal-politika, l-ekonomija u l-kultura;
 4. Jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li l-Istrateġija għad-Danubju, jekk tiġi appoġġata minn impenn politiku qawwi tal-Istati Membri, tista' tirrappreżenta kontribut sinifikanti għas-suċċess ġenerali u l-effiċjenza tal-istrateġija ta' rkupru Ewropea wara dawn l-aħħar snin ta' kriżi ekonomika u finanzjarja, billi tagħti impetu ġdid għat-tkabbir sostenibbli fil-livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew, mhux biss fil-limiti tal-Ewropa Ċentrali u tan-Nofsinhar, imma wkoll f'kuntest ġeografiku ħafna aktar wiesa';
 5. Jenfasizza li l-Istrateġija għad-Danubju, flimkien mad-diversi suriet ta' kooperazzjoni transkonfinali li timplika, tista' faċilment issir fattur ewlieni ta' żvilupp ekonomiku u

ambjentali, filwaqt li tikkatalizza l-isforzi u l-ħtiġijiet ta' żvilupp kemm lokali kif ukoll reġjonali, tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' interrelazzjonijiet transkonfinali b'saħħithom f'diversi dipi ta' katini ta' forniment industrijali, proġetti ta' kooperazzjoni municijali u inizjattivi ta' modernizzazzjoni tat-trasport transnazzjonali;

6. Jiddikjara li l-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġiji ta' ħruġ fiskali adottati / li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri jiddependu parzjalment mill-abilità, il-kapaċità u mil-livell ta' tħejjija tal-atturi municijali li jintervjenu fis-swieq tax-xogħol reġjonali b'inizjattivi ta' proġetti li jstimulaw id-domanda lokali tal-forza tax-xogħol, u b'hekk tinħoloq il-bażi għal tkabbir intelliġenti u li jirrispetta l-ambjent, tittejjeb il-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni ta' mal-fruntieri ta' Stati Membri differenti, u jiġi żgurat żvilupp fit-tul tan-netwerk Ewropew tat-trasport bl-ilma; minn din il-perspettiva, hija ħaġa ta' importanza ewlenija li l-Istrateġija għad-Danubju tiġi integrata fil-qafas ta' viżjoni fit-tul tal-istrateġija ta' żvilupp ambjentali u industrijali Ewropea, u li jiġi żgurat li tgawdi appoġġ politiku qawwi u determinat mill-Istati Membri kollha;
7. Jieħu nota tat-tbassir għall-perjodu medju u fit-tul li jindikaw li r-reġjuni tan-Nofsinhar tal-Ewropa – inklużi l-Istati Membri li jinsabu fil-parti tax-Xlokk tal-Ewropa – se jiġu partikolarment affettwati mill-konsegwenzi tat-tibdil tal-klima; jinsab konvint li l-Istrateġija għad-Danubju għandha rwol importanti xi twettaq f'dan ir-rigward, u għandha tkun iddisinjata bil-ħsieb u l-objettiv li ttaffi l-effetti negattivi marbuta mat-tibdil tal-klima fir-reġjuni Danubjani, filwaqt li jitqiesu r-rwol u n-natura kumplessi tan-netwerk tax-xmajjar (il-provvista tal-ilma, l-aspetti ekoloġiċi, l-infrastruttura tat-trasport, l-irrikazzjoni u d-dimensjoni agrikola, l-ispeċijiet u l-flora protetti, eċċ.);
8. Jirrimarka li l-Ewropa Ċentrali, minn lat ekoloġiku, hija waħda miż-żoni l-aktar għanja imma fl-istess ħin l-aktar vulnerabbli tal-Ewropa, ikkaratterizzata min ekosistema ta' kumplessità ekoloġika għolja u valur kbir li għaldaqstant titlob livell għoli ta' ħarsien. L-Istrateġija Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju timmira li toħloq Reġjun tad-Danubju prosperu li jkun abitabbli, sostenibbli u fl-istess ħin żviluppat billi timmaniġġja r-riskji ambjentali bħalma huma l-għargħar u t-tniġġis industrijali, filwaqt li tippriserva l-kwalità u l-kwantità tar-riżervi tal-ilma taħt kontroll u tiżgura l-użu sostenibbli tagħhom, filwaqt li jiġu ppriservati l-bijodiversità, il-pajsaġġ u l-kwalità tal-arja u tal-ħamriji;
9. Jenfasizza li l-iżvilupp u l-investimenti ekonomiċi intelliġenti huma oqsma promettenti ħafna ta' tkabbir ekonomiku. It-teknoloġiji ħodor u l-modernizzazzjoni ekoloġika, bħalma huma l-effiċjenza mtejba tal-enerġja u l-immaniġġjar aħjar tal-iskart jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun u għat-tnaqqis tal-impatti ambjentali negattivi tal-attività ekonomika;
10. Jenfasizza li r-Reġjun tad-Danubju huwa l-bieb tal-Ewropa għall-Balkani tal-Punent għalhekk l-Istrateġija Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju mhux biss twassal għal titjib tar-relazzjonijiet bejn il-ġirien fl-Ewropa Ċentrali imma tipprovdi valur miżjud importanti fil-politika tal-UE dwar l-Ewropa tal-Lvant, u b'hekk tirrappreżenta opportunità eċċellenti biex l-Unjoni kollha kemm hi ssaħħaħ il-kooperazzjoni politika u ekonomika tagħha mal-Balkani, u, bħala konsegwenza, tikkontribwixxi għall-espansjoni u l-konsolidazzjoni tal-proċess tal-integrazzjoni Ewropea fir-reġjun;
11. Jirrikonoxxi r-rwol importanti li twettaq l-Istrateġija għad-Danubju fil-promozzjoni tal-

ekonomija ħadra, l-innovazzjoni ħadra u f' sens aktar wiesa' r-riċerka u l-innovazzjoni mmirata lejn il-ħolqien ta' ekonomija baxxa fil-karbonju kompetittiva u ġdida, u preżenza aktar qawwija ta' approċċi li jirrispettaw l-ambjent fl-iżvilupp ta' proġetti ta' kooperazzjoni industrijali transkonfinali;

12. Jenfasizza li l-modi ta' trasport li jirrispettaw l-ambjent bħalma huma t-trasport bil-ferrovija u t-trasport fuq ilmijiet navigabbli interni għandhom jieħdu prijorità waqt li jkun qed isir l-ippjanar tas-sistema tat-trasport tar-reġjun, b'rispett sħiħ għall-elementi rilevanti kollha tal-acquis tal-UE applikabbli;
13. Jinkoraġġixxi s-sedqa tal-ambjent kulturali tad-Danubju billi jiġi promoss id-djalogu kulturali, jiġu appoġġati programmi ta' skambju universitarji u proġetti taż-żgħażaġh ibbażati fuq il-kooperazzjoni transnazzjonali, jiġi inkoraġġit it-turiżmu sostenibbli, u jiġu mħarsa l-wirt storiku u l-wirt mibni;
14. Jenfasizza l-ħtieġa vitali li jkun hemm kooperazzjoni fil-proġetti kulturali bil-għan li jiġu appoġġati d-djalogu u l-fehim interkulturali fost il-pajjiżi tar-Reġjuni tad-Danubju; jenfasizza f'dan ir-rigward l-involviment attiv taż-żgħażaġh permezz ta' faċilitajiet kulturali u edukattivi bil-għan li jinħolqu netwerks multinazzjonali;
15. Jinkoraġġixxi l-impenn politiku bil-għan li tittejjeb il-fiduċja taċ-ċittadini u tal-partijiet interessati kemm fl-awtoritajiet politiċi kif ukoll fl-awtoritajiet lokali;
16. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm approċċ ikkoordinat bil-ħsieb li jsir użu aktar effiċjenti tal-fondi disponibbli kollha tal-UE fil-pajjiżi tar-Reġjun tad-Danubju ħalli l-għanijiet tal-Istrateġija jkunu jistgħu jitwettqu sal-aħjar livelli possibbli; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jkun hemm flessibilità biżżejjed bil-għan li jkun jista' jsir l-iżvilupp tal-proġetti marbuta mal-Istrateġija għad-Danubju fi ħdan il-Programmi Operazzjonali eżistenti;
17. Jenfasizza kemm hu importanti li tiġi pprovduta l-għajnuna teknika meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet u l-proġetti mwettqa fil-qafas tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju. L-ispejjeż tal-għajnuna teknika għandhom jiġu rikonnoxxuti u kkunsidrati aħjar waqt l-ippjanar tal-qafas finanzjarju għall-Istrateġija. L-ammont ipprovdut għall-għajnuna għandu jkun disponibbli għas-sħab jekk jintuża għal għanijiet u azzjonijiet li huma kkoordinati fuq livell makroreġjonali;
18. Jenfasizza li riżorsi finanzjarji mhux assorbiti wkoll jistgħu jkunu riżorsa ta' finanzjament għall-proġetti makroreġjonali; dawn ir-riżorsi għandhom jiġu ttrasferiti parzjalment jew fl-ammont sħiħ tagħhom fl-aħħar tal-perspettiva finanzjarja rilevanti
19. Jistieden lill-Kummissjoni tgħarruf u tikkonsulta regolament lill-Parlament Ewropew dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju;
20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-istituzzjonijiet rilevanti l-oħra.